## Kemm hu sikur il-vaċċin?

Il-vaċċini tal-HPV użati f'Malta huma sikuri ħafna u ilhom jingħataw lit-tfajliet. Issa qed jingħataw lill-ġuvintur ukoll.

Il-vaċċini tal-HPV ma jikkawżawx il-kanċer ċervikali jew mard relatat mal-HPV, għax il-vaċċini ma jkunx fihom il-virus ħaj.

Il-vaċċin tal-HPV ġeneralment jiġi ttollerat sew. Sintomi komuni li tista' tesperjenza jinkludu:

- Uġigħ u ħmura ma' fejn tkun saret it-titqiba
- Deni
- Sturdament
- Uġigħ ta' ras u tqalligħ

Dawn is-soltu jgħaddu malajr.

Huma rari ħafna reazzjonijiet serji għall-vaċċini tal-HPV.

**Bħal fil-każ ta' vaċċini oħra, hemm numru żgħir ta' nies li jista' jkollhom reazzjoni allerġika wara li jieħdu t-tilqima. Ġeneralment, il-vaċċini m'għandhomx jittieħdu f'każijiet ta' allerġija għad-doża preċedenti tal-istess vaċċin jew ta' wieħed mill-komponenti tiegħu.**

It-tilqim għandu jiġi pospost f'każijiet ta' mard akut bid-deni.

**Il-vaċċin tal-HPV flimkien ma' screening ċervikali (smear tests) jgħinek tipproteġi lilek innifsek minn kanċer ċervikali.**

Biex tbiddel l-appuntament tal-vaċċin tal-HPV, ċempel lis-Servizzi Nazzjonali tal-Immunizzazzjoni fuq

**21 231 231**

Għal aktar tagħrif dwar l-HPV, żur
**www.sexualhealth.gov.mt**
**www.primaryhealthcare.gov.mt**

jew ikkuntattjana fuq il-midja soċjali

@HPDPMalta
@SHMaltaHPDP
@primaryhealthcaremalta

SEXUALHEALTH MALTA

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

GVERN TA' MALTA
UFFIĊĊJU TAD-DEPUTAT PRIM MINISTRU
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Primary HealthCare

# Il-Vaċċin tal-HPV

## X'inhu l-HPV?

- HPV ifisser Human papillomavirus.
- Dan huwa virus komuni ħafna.
- Hemm aktar minn 100 tip ta' HPV. Xi wħud minnhom jistgħu anki jikkawżaw problemi tas-saħħa bħal kanċer jew felul ġenitali.

**Ħafna nies li jkollhom l-HPV ma jkollhomx ħjiel li għandhom dan il-virus, u b'hekk jgħadduh lil ħaddieħor mingħajr ma jkunu jafu.**

- Kważi l-kanċers kollha ġenitali u tal-għonq tal-utru (99.7%) huma kkawżati minn infezzjoni minn tip ta' virus HPV ta' riskju għoli.



## Kif jittieħed l-HPV?

L-HPV jittieħed minn:

- Kull kuntatt ta' ġilda ma' ġilda fiż-żona ġenitali. Il-virus jista' jinxtered waqt kull tip ta' attività sesswali, inkluż kuntatt dirett (bis-swaba', l-idejn, il-ħalq u l-ġenitali)
- Sess vaġinali, orali u anali
- L-użu tal-istess sex toys bejn l-individwi

Bosta individwi ser jiltaqgħu mal-virus tal-HPV xi darba jew oħra tul ħajjithom, iżda il-ġisem jaf ifiq waħdu mill-virus mingħajr bżonn ta' kura jew trattament. Madankollu, hemm min jista' jiġi infettat b'tip ta HPV ta' riskju għoli u ma jkunx jista' jeħles minnu.

- Il-kondoms joffru ftit protezzjoni kontra l-HPV, dan għax ma jgħattux il-ġilda kollha madwar il-ġenitali, b'hekk mhumiex għalkollox protettivi.

## Għala għandek titlaqqam kontra l-HPV?

L-HPV innifsu, li għalkemm mhuwiex kanċer, jista' jikkawża bidliet fil-ġisem li jwasslu għal xi tip ta' kanċer bħal:

- Kanċer ċervikali (tal-għonq tal-utru)
- Kanċer tal-pene
- Kanċer anali
- Kanċer tal-gerżuma, inkluż it-tunsilli u taħt l-ilsien

Dawn it-tipi ta' kanċer jiġu kollha minn infezzjonijiet tal-HPV li ma jkunux ġew trattati. Peress li l-kanċer jikber bil-mod ħafna, id-dijanjożi jaf issir anki snin twal wara li l-persuna jkollha l-HPV. Il-vaċċin tal-HPV jipproteġik ukoll kontra l-felul ġenitali.

## Kif jaħdem il-vaċċin tal-HPV?

- Is-Servizz Nazzjonali tal-Immunizzazzjoni juża vaċċin jismu Gardasil9®.
- Gardasil9® jipproteġi kontra 9 tipi ta' HPV ta' "riskju għoli", fosthom dawk li jikkawżaw il-felul ġenitali.
- Il-vaċċin tal-HPV ma jipproteġikx minn infezzjonijiet oħra li huma trażmessi sesswalment.



## Kemm hu effettiv dan il-vaċċin?

- Il-vaċċin tal-HPV huwa l-aktar effettiv qabel mal-persuna tiġi f'kuntatt mal-virus, jiġifieri qabel ma ssir xi tip ta attività sesswali.
- Jekk jingħata f'waqtu, il-vaċċin jipproteġik tul is-snin taż-żgħożija u l-ħajja adulta.
- Minkejja li l-vaċċin tal-HPV huwa effettiv ħafna, ma jipproteġikx kontra kull tip ta' HPV. In-nisa għandhom ukoll jipparteċipaw fi screening ċervikali bħala protezzjoni kontra l-kanċer tal-għonq tal-utru.



**Il-vaċċin tal-HPV huwa bla ħlas għal żgħażagħ li għandhom bejn it-12 u t-13-il-sena.**

## Kif jingħata l-vaċċin tal-HPV?

- Skont l-Iskeda Nazzjonali tal-Immunizzazzjoni, il-vaċċin jingħata f'żewġ dożi b'mill-inqas 6 xhur bejn doża u oħra.
- Il-vaċċin jingħata fil-parti ta' fuq tad-driegħ.
- Importanti li jitlesta l-kors kollu tat-tilqim sabiex tinkiseb l-aħjar protezzjoni.

